MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 930/2007

**Gaetano Harmsworth bhala prokuratur specjali ta' l-assenti Francis Harmsworth u Marthese Harmsworth**

**vs**

**Medusa Trading Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li qalu:

1. Illi fit-tmintax ta' Settembru, 2006 is-socjeta` konvenuta Medusa Trading Limited xtrat minghand l-atturi l-merkanzija ossia stock kollu li fl-istess data kien ezistenti fil-hanut 11, Better Living, gja San Carlo, Triq Nazju Ellul, Gzira u dan ghall-prezz komplessiv miftiehem ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u sittin lira Maltin (Lm25,260 ekwivalenti ghal € 58, 839.97) (kif jirrizulta mill-iskrittura dokument A) ;

2. Illi fid-data msemmija s-socjeta` konvenuta hallset lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000 ekwivalenti ghal € 46, 587.47) akkont tal-prezz miftiehem u ntrabtet li thallas il-bilanc ta' hamest'elef mitejn u sittin lira Maltin (Lm5,260 ekwivalenti ghal €12,252.50) mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar, 2007 ;
3. Illi infatti, kif jirrizulta mill-annessa skrittura dokument A, is-socjeta` konvenuta kkonsenjat lill-atturi HSBC cheque datat 15 ta' Jannar, 2007 pagabbli lil Gaetano Harmsworth li kien ikopri l-bilanc li s-socjeta` konvenuta kien ghad fadlilha thallas lill-atturi sal-15 ta' Jannar, 2007 (kopja ta' l-imsemmi cheque mmarkat Dokument B)
4. Illi madankollu, meta l-atturi ppruvaw isarrfu c-cheque fis-16 ta' Jannar, 2007, l-istess cheque ma ssarrafx mill-Bank u gie mmarkat bin-notament « Refer to Drawer ».
5. Illi ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta fadlilha thallas il-bilanc miftiehem ta' hamest' elef u mitejn u sittin lira Maltin (Lm5,260 ekwivalenti ghal € 12, 252.50)
6. Illi s-socjeta` konvenuta, minkejja interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc minnha dovut, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali, hija baqghet inadempjenti ;
7. Illi l-imsemmi bilanc huwa dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta` konvenuta lill-atturi ;
8. Illi safejn jaf l-esponenti, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ;
9. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom huwa personalment ;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna ;

1. Tiddeciedi skond it-taba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, thallas is-somma ta' hamest'elef mitejn u sittin Lira Maltin (Lm5260 ekwivalenti ghal € 12, 252.50) dovuti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 23 ta’ Frar, 2007 u bl-imghaxijiet bir-rata skond l-Artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta) dekorribbli mill-15 ta’ Jannar, 2007 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentant taghha huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi ghalkemm il-konvenuta talbet illi tithalla tikkontesta l-kawza, ma wrietx imqar prima facie illi ghandha eccezzjonijiet tajba xi tressaq kontra t-talba tal-atturi.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------